MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2012

Citazzjoni Numru. 497/2012

**Il-konjugi Andrew sive Andre (ID No. 324855M) u Bridgitte (ID No. 703257M) Tabone**

***kontra***

**Iceberg Refrigeration Services Limited (C14533)**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors prezentat fit-18 ta` Mejju 2012 li jaqra hekk –

*1. Illi s-socjeta` intimata kienet giet ikkundannata thallas lir-rikorrenti danni fl-ammont ta` €2,912.96 oltre*

*imghaxijiet u spejjez skond is-sentenza tal-Qorti Civili, Prim`Awla, datata 18 ta` Novembru 2008 (Dok. AT1) fl-ismijiet 'Iceberg Refrigeration Services Limited u Andre Tabone u martu Bridget Tabone' fejn l-Onorabbli Qorti sabet li s-socjeta` intimata harget mandat kawtelatorju kontra r-rikorrenti liema "mandat gie ottjenut b`mod frivolu u vessatorju" ;*

*2. Illi r-rikorrenti bhala kredituri tas-socjeta` intimata hargu mandat ta` qbid numru 14/09MB fis-7 ta` Jannar 2009 ghas-sorte ta` €2,912,96, imghax u spejjez skond it-taxxa ufficcjali mahruga (Dok. AT2) ;*

*3. Illi fit-23 ta` Novembru 2011 ir-rikorrenti kienu talbu lill-Onorabbli Qorti sabiex tawtorizza l-bejgh b`subbasta tal-oggetti maqbuda taht il-mandat ta` qbid suriferit (Dok. AT3), liema talba giet milqugha u s-subbasta li saret fil-11 ta` Jannar 2012 ma tat ebda ezitu stante li hadd ma kien interessat li jixtri l-oggetti maqbuda ;*

*4. Illi r-rikorrenti kredituri hargu mandat ta` sekwestru numru 87/12 fl-20 ta` Jannar 2012 ghas-sorte ta` €2,912.96, imghax u spejjez skond it-taxxa ufficjali mahruga (Dok. AT4) ;*

*5. Illi nonostante l-hrug ta` mandat ta` sekwestru ezekuttiv datat 20 ta` Jannar 2012 bin-numru 87/12 hawn esebit u mmarkat Dok. AT3 u l-mandat ta` qbid ezekuttiv tas-7 ta` Jannar 2009 bin-numru 14/09MB hawn esebit u mmarkat Dok. AT2, is-socjeta` intimata baqghet inadempjenti;*

*6. Illi, minkejja diversi interpellazjonijiet, is-socjeta` intimata baqghet inadempjenti ;*

*7. Illi minkejja li ghaddew iktar minn erbgha u ghoxrin gimgha mill-ezekuzzjoni tal-imsemmi mandat ta` qbid, l-esponenti ghadhom sal-lum ma thallsux l-ammont dovut lilhom u ghalhekk is-socjeta` intimata ma tistax thallas id-djun taghha hekk kif provdut fil-ligi permezz tal-artikolu 214(5) tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta ;*

*8. Illi s-socjeta` intimata baqghet tmexxi n-negozju taghha minkejja li ma setghetx thallas id-debituri taghha u/jew bil-hsieb ta` frodi ta` kredituri taghha jew ta` kreditur ta` xi persuna ohra ;*

*9. Illi ghalhekk l-esponenti kellhom jintavolaw din il-procedura sabiex din l-Onorabbli Qorti tordna x-xoljiment u l-istralcjar tas-socjeta` intimata ai termini tal-artikolu 214(2)(a)(ii) tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta salv kull provvediment xieraq u opportun li din l-Onorabbli Qorti joghgobha taghti ;*

*10. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.*

*Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet hawn imsemmija, ir-rikorrenti umilment jitolbu illi din l-Onorabbli Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna, joghgobha :*

*1. Tiddikjara li s-socjeta` Iceberg Regrigeration Services Limited ma tistax thallas id-djun taghha ai termini tal-artikolu 214(5) tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta ;*

*2. Tahtar persuna idoneja sabiex ikun l-amministratur provvizorju tas-socjeta` intimata ai termini ta` l-artikolu 228 tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta sakemm jigi ordnat ix-xoljiment u l-istralc tal-kumpannija hekk kif mitlub fit-tielet talba ta` dan ir-rikors u taghtih dawk il-poteri u funzjonijiet li din il-Qorti jidhrilha xierqa fic-*

*cirkostanzi, inkluz dawk il-poteri li normalment huma ezercitabbli mid-diretturi tas-socjeta` intimata ;*

*3. Tordna x-xoljiment u l-istralc tas-socjeta` intimata ai termini tal-artikolu 214(2)(a)(ii) tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta ;*

*4. Tordna li jigi appuntat persuna idoneja sabiex ikun l-istralcjarju tas-socjeta` intimata u dan skond id-disposizzjonijiet tas-sub-titolu I tat-titolu II tat-Taqsima V tal-Kap. 386 ta` Malta.*

*Dan taht dawk il-provvedimenti ohra inkluz, jekk din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa, ordnijiet interim.*

*Bl-ispejjez kontra s-socjeta` intimata.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mir-rikorrenti u l-lista ta` dokumenti esebiti mar-rikors promotorju.

Rat li, ghalkemm jirrizulta li l-kumpannija ntimata kienet debitament notifikata skond il-ligi bl-atti promotorji u bl-avviz tas-smigh tal-kawza, hija ma pprezentatx risposta.

Semghet ix-xhieda tar-rikorrent Andrew sive` Andre Tabone fl-udjenza tat-12 ta` Ottubru 2012, ghal liema udjenza l-kumpannija ntimata baqghet ma deheritx.

Rat id-dokumenti li kienu esebiti mir-rikorrenti waqt il-kawza.

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tat-12 ta` Ottubru 2012 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum.

Rat l-atti tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

## II. <u>Risultanzi</u>

Din hija kawza fejn qed issir talba lil din il-Qorti mir-rikorrenti sabiex tordna x-xoljiment u l-istralc konsegwenti tal-kumpannija intimata skond l-**<u>Art.214 tal-Kap.386</u>** tal-Ligijiet ta` Malta. Fil-paragrafu **(a)** tas-subartiklu **(2)** tal-**Art.214**, il-ligi tghid liema huma c-cirkostanzi fejn il-Qorti **<u>tista`</u>** xxolji kumpannija u tordna l-istralc taghha. Fil-kaz tal-lum, ir-rikorrenti qeghdin jibbazaw it-talba taghhom fuq is-subinciz **(ii)** tal-paragrafu (a). Dak is-subinciz ighid li kumpannija tista` tigi xjolta u stralcjata mill-Qorti " ... *jekk il-kumpannija ma tkunx tista' thallas id-djun taghha*." Hemm imbaghad l-**<u>Art.214(5)</u>** illi jistabilixxi meta kumpannija titqies li ma tkunx tista` thallas id-djun taghha ghall-finijiet tal-**<u>Art.214(2)(a)(ii)</u>**. Is-subartikolu **(5)** ghandu zewg subparagrafi. Is-subparagrafu rilevanti ghall-mertu tal-kawza tal-lum huwa s-subparagrafu **(a)** li jaqra hekk – *jekk id-dejn dovut mill-kumpannija jkun baqa' ma thallasx ghal kollox jew f'parti wara erbgha u ghoxrin gimgha mill-ezekuzzjoni ta' titolu ezekuttiv kontra l-kumpannija b'xi wiehed mill-atti ezekuttivi msemmijin fl-artiklu 273 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.*

Fil-kawza tal-lum, kien ippruvat dan illi gej –

1) Permezz ta` digriet ta` din il-Qorti tat-18 ta` Novembru 2008 (Dok AT1 minn fol 4 sa fol 13) il-kumpannija intimate kienet ikkundannata thallas lir-rikorrenti is-somma ta` €2,912.96 in linea ta` danni flimkien mal-ispejjez gudizzjarji. Dak il-provvediment sar *res judicata*.

2) Permezz ta` digriet ta` din il-Qorti tat-8 ta` Jannar 2009 (Dok AT2 a fol 14 sa fol 17), hareg Mandat ta` Qbid Ezekuttiv Nru.14/09 MB fuq istanza tar-rikorrenti kontra l-kumpannija intimate, liema Mandat kien ezegwit fl-20 ta` Jannar 2009, Hekk jirrizulta mir-referta tal-Marixxal bl-elenku ta` oggetti kolpiti bl-ezekuzzjoni tal-Mandat.

3) Permezz ta` digriet ta` din il-Qorti tal-11 ta` Jannar 2012 (Nru.45/11) [ara Dok AT3 a fol 18 sa fol 20), kien ordnat il-bejgh bl-irkant tal-oggetti kolpiti bil-Mandat.

4) Ir-rikorrent ikkonferma bil-gurament tieghu illi dawk l-oggetti baqghu ma nbieghux bis-subbasta ghaliex hadd ma ressaq offerta ghall-akkwisit tal-istess.

5) Permezz ta` digriet ta` din il-Qorti tat-23 ta` Jannar 2012 (ara fol 31 et seq), hareg Mandat ta` Sekwestru Ezekuttiv Nru.87/12 fuq istanza tar-rikorrenti kontra l-kumpannija intimata, liema Mandat kien ezegwit fl-24 ta` Jannar 2012. Ghalkemm ma jirrizultax illi l-kumpannija intimata kienet notifikata bil-Mandat ta` Sekwestru, din il-Qorti tghid illi ghall-fini tal-applikazzjoni ta' l-Art.214(5)(a), il-fattur rilevanti huwa *l-**ezekuzzjoni** ta' titolu ezekuttiv* mhux in-*notifika* tieghu.

6) Ir-rikorrent ikkonferma bil-gurament tieghu illi l-kumpannija ntimata baqghet ma hallset xejn mill-ammont dovut nonostante l-presentata u n-notifika taghha bil-procediment tal-lum.

7) Min-naha taghha l-kumpannija intimata la pprezentat risposta fil-procediment tal-lum. La dehret permezz ta` rapprezentant taghha fiz-zewg udjenzi tal-kawza. U lanqas ma ghamlet xejn sabiex tfisser il-posizzjoni taghha, in partikolari sabiex tikkonvinci lil din il-Qorti li mhijiex fi stat ta` insolvenza. Ghalhekk il-pretensjonijiet tar-rikorrenti fil-kawza tal-lum mhumiex kontradetti.

Fuq l-iskorta tal-provi akkwiziti, jirrizulta li l-kumpannija intimata mhijiex f'qaghda li thallas id-djun taghha ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi. Din il-Qorti hija sodisfatta li rrizultaw l-elementi kollha li trid il-ligi sabiex tzercita d-diskrezzjoni taghha illi tipprocedi ghax-xoljiment u stralc tal-kumpannija intimata skond l-Art.214(2)(a)(ii) tal-Kap.386.

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti tipprovdi dwar it-talbiet tar-rikorrenti kif gej –**

**1) Tilqa` l-ewwel talba u tghid illi l-kumpannija ntimata Iceberg Refrigeration Services Limited (C14533) ma tistax thallas id-djun taghha skont l-Art.214(2)(a)(ii) u l-Art.214(5)(a) tal-Kap.386.**

**2) Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni talba.**

**3) Tilqa` t-tielet talba. Tordna x-xoljiment tal-istess kumpannija ntimata b`effett mit-18 ta` Mejju 2012 skond l-Art.223(1) tal-Kap.386. U tordna wkoll l-istralc taghha.**

**4) Tilqa` r-raba` talba. Tahtar lir-Ricevitur Ufficjali bhala stralcjarju tal-kumpannija intimata. Taghtih is-setghat u d-dmirijiet kollha skond l-Art.228 et seq tal-Kap.386. Bla hsara ghall-generalita` ta` dawk is-setghat u dmirijiet, l-istralcjarju ghandu wkoll –**

**a) jaghmel rapport lill-Qorti kif irid l-Art.227 tal-Kap.386 wara li jikseb dikjarazzjoni dwar il-qaghda tal-kumpannija ntimata kif irid l-Art.226 tal-Kap.386.**

**b) jaghmel verifika dwar l-assi u d-djun tal-kumpannija ntimata u dwar il-gradwazzjoni tad-djun.**

**c) jiehu taht il-kustodja jew kontroll tieghu l-assi kollha tal-kumpannija ntimata kif ighid u jrid l-Art.237 tal-Kap.386.**

**d) jaghmel jew jiddefendi kull azzjoni jew proceдiment legali iehor fl-isem u fl-interess tal-kumpannija ntimata.**

**e) jirrelata dwar il-mizuri mehtiega ghall-harsien tal-assi tal-kumpannija intimata.**

**f) jipprezenta r-rapport tieghu mhux aktar tard minn tliet xhur mil-lum.**

**L-ispejjez ta’ din l-istanza thallashom il-kumpannija ntimata.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------